# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI Nru 1709

Kaz Nru 2319CD

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Doreen Anastasi

u

Gaming Operations Limited
Casino di Bingo

*Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Illum l-Erbgha 19 ta' Lulju 2006

**Chairman Sur Carmel Debono**

Illi l-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra lir-Registru tal-Qrati Superjuri fit-3 ta' Ottubru 2005, fi zmien korrett ta' erba xhur (4) minn meta l-appellanta sfat mkeccija fl-20 ta' Lulju 2005.

Aktar tard bejn l-ewwel u t-tieni seduta saret oggezzjoni li l-okkju kien errat, u ikkorregut kien jaqra Gaming Operations Limited, Casino di Bingo.

Fl-ahhar seduta nhar l-Erbgha 21 ta' Gunju 2006 Dr Tufigno ghas-socjeta irretena li *ai termini* tal-Ligi, l-kaz kien skadut billi qabez l-erba (4) xhur.

It-Tribunal stharreg sewwa l-oggezzjoni tas-socjeta u jsib li bejn l-ewwel seduta u t-tielet kien hemm zviluppi li rrendew lit-Tribunal jibghat lis-socjeta intimata l-istatement of case ta' l-appellanta, wara li l-Konsulent tas-socjeta naqas li jattendi ghat-tieni seduta. Huwa veru li l-minuti tas-seduta jghidu li t-Tribunal gie nfurmat bil-korrezzjoni ta' l-okkju izda din ghandha titqies bhala korrezzjoni accettabbli ghall-finijiet tal-Ligi u ma titqiesx fis-sens ristrett. Tkun ingustizzja jekk it-Tribunal kellu jiddeciedi li jannulla l-kaz ghal din ir-raguni

meta l-iskop tal-Ligi primarjament hu dak li japplika l-gustizzja naturali u ma jinqedix b'xi punt tekniku u ferm dibattibbli dwar termini; li l-iskop primarju tieghu hu li ma jsirux talbiet ghal intervent ta' l-arbitragg wara certu zmien.
F'dan il-kaz jidher li l-kaz odjern jissodisfa bazikament u ghalhekk dan il-kriterju jirrendi t-talba li l-kaz jigi dikjarat skadut inaccettabbli.

---

Carmel Debono
Chairman